**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 322/2016 CFF**

**Antonio Falzon**
**Vs**
**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**Illum 22 ta' Gunju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Antonio Falzon fejn esponiet:

1. Illi permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 2989/16 ipprezentata nhar it-30 ta' Novembru 2016, is-socjeta' intimata Automated Revenue Managemet Services Ltd ai fini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) iddikjarat u interpellat lir-rikorrent sabiex ihallasha s-somma ta' hamest' elef, mija u hdax-il ewro u tnejn u erbghin centezmu (€5,111,42) rapprezentanti skont l-istess socjeta' intimata konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' *meter* tal-ilma u l-elettriku, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnection fees* flimkien ma' imghax dovut fuq l-imsemmija somma relatat mal-kontijiet tas-servizzi bin-numru 101000268797 dwar il-fond fl-indirizz 53, Soft Stone Quarry, Triq Valletta, l-Imqabba;

2. Illi permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 2989/16 ipprezentata nhar it-30 ta' Novembru 2016 mis-socjeta' intimata kontra r-rikorrent hija nulla u bla effett stante illi Reuben Bonnici u cioe' l-persuna li ghamel id-dikjarazzjoni guramentata in rapprezentanza tas-socjeta' intimata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) mhux il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali tas-socjeta' intimata skont kif mehtieg tassattivament mill-Artikolu 466(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi r-rikorrent ilu mis-sena 2002 ma joperax mill-fond hawn fuq indikat u minghajr access ghall-istess fond u lura fis-snin ir-rikorrent kien ha l-passi mehtiega biex jinforma lill-predecessuri tas-socjeta' intimata u cioe' lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u lill-Korporazzjoni Enemalta dwar il-fatt li huwa ma kienx ghadu qieghed jopera mill-imsemmi fond u li ghalhekk ma kienx hemm aktar il-htiega li jkunu pprovduti s-servizzi tal-elettriku u tal-ilma fl-istess fond;

4. Illi safejn jaf ir-rikorrent, ghal numru twil ta' snin huwa ma kkonsma l-ebda elettriku u ilma fl-imsemmi fond u lanqas ghamel uzu minn kwalunkwe *meters* li setghu kienu nstallati fil-fond u dan peress li kif diga' nghad huwa ilu zgur mis-sena 2002 ma joperax mill-fond hawn fuq indikat u minghajr access ghall-istess fond;

5. Illi mis-sena 2002 'il quddiem ir-rikorent qatt ma rcieva l-ebda talba ghall-hlas jew kont minghand is-socjeta' intimata u kien biss meta huwa rcieva l-ittra ufficjali hawn fuq indikata li sar jaf bil-pretensjonijiet tas-socjeta' intimata fil-konfront tieghu;

Illi ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara t-talba tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd kif imfissra fid-dikjarazzjoni tal-istess socjeta' fl-ittra ufficjali bin-numru 2989/2016 ipprezentata nhar it-30 ta' Novembru 2016 kontra r-rikorrent, bhala wahda infondata.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited (C46054)** fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok, l-okkju tar-rikors tal-imsemmi Antonio Falzon huwa skorrett u dan peress li l-ittra ufficjali li fl-atti taghha gie ntavolat ir-rikors ma saritx minn Antonio Falzon vs (kontra) Automated Revenue Management Services Limited, izda fl-ismijiet inversi u ghalhekk l-okkju ghandu jigi korrett biex jirrifletti korrettement l-ismijiet skont l-imsemmija ittra ufficjali, inoltre s-socjeta' esponenti ghandha tigi indikata ukoll li qed tidher propio, et u nominee, kif fil-fatt hija indikata fl-ittra ufficjali.

2. Illi dak ecepiet mir-rikorrent u dikjarat bhala fatt illi Reuben Bonnici, *mhux il-persuna vestita bir-rapprezentanza tas-Socjeta' intimata*, hija nvenzjoni skorretta u maghmula biss biex tizvija lil din il-Qorti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-procedura.

3. Illi dak indikat mir-rikorrent, u cioe' li huwa ilu zmien ma jopera mill-fond in kwistjoni ma jfissirx li huwa ma baqax legalment responsabbli ghall-kontijiet tas-servizzi registrati f'ismu. Sabiex huwa jehles minn din ir-responsabbilta' ma huwiex sufficjenti biss li jinforma lill-entitajiet, kif qed jinghad li sar, dejjem jekk dan huwa minnu, izda r-rikorrenti kellu jitlob'japplika ghat-trasferimet tal-kont jew addirittura jitlob/japplika li jitnehhew l-istess servizzi u dana skont u in linja mar-regoli tal-Electricity Supply Regulations u l-Water Supply Regulations. S.L. 545.01 u S.L. 545.03, rispettivament. Semplici informazzjoni moghtija lill-entitajiet, kif qisu qed jghid ir-rikorrenti, ma jehilsux mill-obbligi legali teighu vis-à-vis il-kont versu l-entitajiet u/jew l-Automated Revenue Management Services Limited.

4. Illi s-socjeta' esponenti u l-mandatarji taghha dejjem hargu l-kontijiet b'mod regolari li gew mibghuta fl-indirizz provdut mir-rikorrent. Kien fl-obbligu tieghu li jinforma, ukoll skont dak provdut fir-regolament fuq imsemmija, li jaghti indirizz iehor fejn l-istess kontijiet setghu jigu mibghuta biex l-istess rikorrent ikun jista' jirciviehom. Certament, l-esponenti ma ghandiex xi fakolta' straordinarja li tkun taf li utent waqaf milli jiffrekwenta tali fond u lanqas ghandha d-dritt li minn jedda tissostittwixxi indirizz minghajr talba formali ta' sid il-kont, allura tal-istess rikorrenti.

5. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-Socjeta' esponenti pro et nominee;

   i. Titlob din il-Qorti tordna li jigi korrett l-okkju, kif spjegat fuq, u

ii. Titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficcjali numru 2989/2016 pprezentata ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti u kontra l-kjamati, jekk l-istess jigu ordnati minn din il-Qorti jidhru bhala kjamati f'din il-procedura.

**Reuben Bonnici**, bhala *executive* fl-ufficju legali tal-ARMS Ltd, ipprezenta Dokument RB1.

**Antonio Falzon**, jghid li huwa kien jahdem f'barriera gewwa Tal-Isqof fl-Imqabba sal-2002 u li f'din il-barriera kellu *meter* tad-dawl, li fuqu huh kien hallslu l-kontijiet kollha u li kien informa lill-ARMS sabiex jaqilghu d-dawl u l-ilma, izda ghalkemm nehhew il-*meter* tal-ilma u l-*wire* tad-dawl, il-*meter* kienu hallewh hemm. Huwa jghid ukoll li haddiehor kien wahhal *meter* iehor gol-istess kamra u li ma rcieva l-ebda kont jew korrispondenza ohra minn meta hallas il-kontijiet.

**Reuben Bonnici**, rega' xehed fejn ipprezenta fejn ipprezenta ittra ufficjali numru 25989/2016 kif ukoll il-kont fuq il-*meter* in kwistjoni fejn juri li fit-30 ta' Mejju 2019 kien sar pagament ta' €4,541.82 permezz ta' *cheque* u li b'hekk il-bilanc mill-ammont reklamat mill-ittra ufficjali kien nizel ghal €569.60. Huwa jispjega wkoll li l-bilanc fuq il-kont kien ta' €1,124.48.

**Carmelo Gigho** jghid li l-barriera numru 53, fi Triq il-Belt l-Antika, kienet tal-familja tieghu u llum il-gurnata saret raba', u li kienet f'idejn Antonio Falzon b'kera ghal ghaxar snin. Meta mistoqsi huwa jikkonferma li ma kienx hemm *meters* tad-dawl u l-ilma installati ghaliex kienu talbuh jalghaqhom u li dawn kienu inghalqu fit-18 ta' Ottubru 2013. Meta mistoqsi huwa jikkonferma li ghandu *meter* installat fuq ismu fil-garaxx ta' hdejh.

**Reuben Bonnici**, rega' xehed fejn stqarr li l-pagament li sar fuq il-kont kien sar bi zball flok f'kont iehor u b'hekk kien rega' gie riversjat u prezenta statement ta' dan. Huwa pprezenta dokumenti fejn jispjega kif l-ahhar pagament kien sar fit-3 ta' Mejju 2001 li halla bilanc ta' LM 43.72 u li l-pendenzi baqghu jitilghu sal-2013 meta inghalaq il-kont. Meta mistoqsi is-Sur Bonnici jikkonferma li mil-2013 u sa dik il-gurnata ma kienx hemm konsum ghaliex il-kont kien maghluq.

**Reuben Bonnici**, rega' xehed fejn prezenta kopja tal-kontijiet li hargu fuq il-kont that is-socjeta' ARMS kif ukoll kopja tal-prospett meta kienu bil-ewro kif ukoll bil-Liri Maltin that il-Water Services.

**Antonio Falzon** rega' xehed fejn iddakjara li hu m'ghandux x'jaghti lill-ARMS.

**Ikkunsidrat:**

Rat li s-socjeta' intimata irtirat l-ewwel eccezzjoni.

**Il-Preskrizzjoni**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni li tqajmet mir-rikorrent fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2020 fejn issolleva li t-talba kif maghmula hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Huwa ritenut fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi jekk ma tigix indikata espressament u b'mod sufficjentement car il-preskrizzjoni eccepita, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinciz specifiku, l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi kkunsidrata mill-Qorti u ghandha tigi mwarrba. Il-Qorti filwaqt illi tosserva li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx sollevata fir-rikors promotur izda biss waqt is-seduta hawn fuq imsemmija u ghalhekk dan in-nuqqas gie rettifikat u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tara din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Il-preskrizzjonijiet eccepiti mill-attur hija s-segwenti l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta meta il-qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin.

Il-preskrizzjoni kwinkwennali mahsuba fl-artikolu hawn kwotat tikkoncerna imghaxijiet jew kreditu li ghandu b'oggett haga fungibbli bhal ma huma flus. Fil-kawza **Giovanni Saliba et vs. Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li fejn fl-**Artikolu 2156 (f)** jipprovdi

> *"ghall-hlas ta' kull kreditu iehor…." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun "eiusdem generis" skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza."*

Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li l-preskrizzjoni enunzjata fl-Artikolu 2156 (f) hija soggetta ghal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Ghalhekk, il-kelma 'kreditu' tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma kollha obbligazzjonijiet ghal hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

Fil-fatt fil-kawza **Giovanni Mifsud vs. Giuseppe Pullicino** deciza mill- Qorti Civili, Prim'Awla fid-19 t'Ottubru 1954 gie ritenut illi

> *"jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus."*

Fil-kaz odjern, it-talba tas-socjetà konvenuta hija wahda li tikkoncerna hlas ta' flus. Hija regola ewlenija li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti kontra minn tqajmet din l-eccezzjoni tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti eccipjenti billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. F'kaz ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eccipjenti.

Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> "*Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
> *(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*

*(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
*(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat.*"

Illi wara li gie determinat taht liema artikolu tal-Ligi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa irid jigi kkunsidrat jekk ir-rikorrent bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eccepita billi segwa l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017. Illi din il-kawza giet intavolata fil-21 ta' Dicembru 2016 fejn l-Att I dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Jannar 2017 u l-Att VII tal-2017 dahal fis-sehh nhar l-24 ta' Frar 2017. Illi ghalhekk dawn l-emendi ma kienux fis-sehh meta giet intavolata din il-kawza. Illi kif gie ritenut fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-

*"… l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura proceduralі, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

B'dan ifisser ghalhekk li l-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-pozizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva, fis-sens illi huwa d-debitur innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur.

Il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fid-decizjoni **Bottega del Marmista Ltd vs. Paul Mifsud et** (App Civ 286/2015) moghtija fis-26 ta' Jannar 2018 gie enfasizzat li:-

*"Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu."*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz il-kawza kienet infethet qabel ma dahal fis-sehh kif emendat l-artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi madankollu, ir-rikorrent fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 xehed bil-gurament li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta ARMS Ltd.

**Ikkunsidrat**

Illi r-rikorrent issostni li huwa qatt ma rceva xi kont jew xi informazzjoni ohra rigward il-meter li kien installat fil-propjeta' li huwa kien jaghmel uzu. Huwa stqarr ukoll li kien ghamel madwar ghaxar snin gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Min-naha tas-socjeta' konvenuta qalet li hija dejjem baghtet il-kontijiet fl-indirizz indikat mir-rikorrent stess u qatt ma rcevew xi informazzjoni li huwa kien biddel l-indirizz. Illi minn dak li xehed l-istess rapprezentant tas-socjeta' konvenuta fejn qal li l-kont kien inghalaq fl-20 t'Ottubru 2013 u ma kienx hemm konsum wara din id-data. Illi fil-fatt irrizulta li l-ahhar kont li kien inhareg kien fis-sena 2013.

Illi wkoll inghad mis-socjeta' konvenuta li qatt ma saret talba sabiex il-meters jitnehhew jew inkella jigu trasferiti fuq persuni ohrajn. Illi meta xehed l-istess Carmelo Ghigo semma kif fil-fatt kien ghalaq il-meters f'Ottubru tas-sena 2013 u l-unika meter li kien ghad fadal kien dak indikat minnhu stess gewwa l-propjeta' tieghu u mhux tar-rikorrenti. Illi minn dak li qal l-istess Carmelo Ghigo jaqbel maz-zmien li l-istess socjeta' konvenuta kkonfermat li kien f'Ottubru tas-sena 2013 li l-kont inghalaq. Illi pero jidher li ghalkemm gie konfermat li dan il-kont inghalaq xorta wahda baqa' jinhareg il-hlas tal-kirja tal-meters li kienu installati fuq il-post fejn ukoll gie konfermat li ma kienx hemm konsum tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma.

Illi kien biss wara li r-rikorrent kien ircieva ittra ufficjali bin-numru 2989/16 nhar it-30 ta' Novembru 2016 li fil-fatt ftit wara infethu dawn il-proceduri. Illi r-rikorrenti kull ma qal fix-xhieda tieghu li huwa qatt ma rcieva xi kontijiet. Huwa spjega li kien huh li hallas kollox imma kien sar disconnection tas-servizz kemm tal-ilma kif ukoll tad-dawl izda l-arloggi qatt ma kienu tnehhew. Skont hu, huh Charlie Falzon, li illum huwa mejjet kien qallhom biex inehhu l-arloggi minn gewwa il-kamra izda jidher li qatt ma tnehhew. Ghalkemm jispjega li qatt ma kien ircieva xi korrispondenza minn ghand l-ARMS pero zied jghid li kien hemm perijodu ta' ghaxar snin li kien gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi skont l-ittra ufficjali li giet mibghuta fl-indirizz li r-rikorrenti kien qieghed irregistrat fih, bin-numru tal-account 101000268797 fejn l-ammont mitlub kien ta' 5,111.42 Euro sal-gurnata tal-ittra ufficjali. Illi mill-provi mressqa ma kienx jidher li saret xi talba minn naha tar-rikorrenti jew minn xi haddiehor skont l-Artikolu 72 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.01 intitolata '***Regolamenti Fuq il-Provvista ta' l-Elettriku***', fejn jghid:

> *Ebda konsumatur ma jeħles mill-obbligu tal-ħlasijiet tal-ħlas tal-meter jew tal-konsum f'lok imgħammar minnu kemm-il darba u sakemm ma jagħtix avviz bil-miktub lic-Chairman fejn ifissirlu li ma bi ħsiebux jibqa' juza l-kurrent elettriku minn dik id-data li tingħata minnu, u kemm-il darba u sakemm ma jkunx ħallas kull somma ta' flus li l-konsumatur ikollu jagħti taħt dawn ir-regolamenti*

Illi pero r-rikorrent kif xehed fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2021 li huwa ma kellu jaghti xejn lis-socjeta' intimata. Illi wkoll is-socjeta' intimata ma resqet ebda provi fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Illi bl-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' intimata kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni izda ma kienx hemm ittri ufficjali ohra qabel din id-data. Illi ghalhekk din l-ittra interrompiet biss l-ahhar hames snin mit-talba tal-hlas li ghamlet l-istess socjeta' intimata. Illi kif inghad hawn fuq fl-artikolu 72, titfa' r-responsabilita' fuq il-konsumatur u f'dan il-kaz fuq ir-rikorrent li kellu jinforma lis-socjeta' intimata kif preskritt bil-Ligi u mhux sempliciment bil-fomm. Illi ghalhekk tenut kont ta' dak li jghid l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-azzjoni ghal hlas tal-ammont dovut hija preskritta in parti u cioe' sa hames snin qabel id-data ta' meta giet intavolata l-ittra ufficjali. Illi ghalkemm jidher li fil-fatt il-kont inghalaq fis-sena 2013 (ghalkemm xorta baqghu hergien kontijiet wara din id-data), bl-ittra ufficjali intavolata fit-30 ta' Novembru tas-sena 2016 interrompiet il-preskrizzjoni kif indikat hawn fuq u ghalhekk l-azzjoni mhiex preskritta.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tichad it-talba rikorrenti dwar il-preskrizzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**